



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Lulju 2022 – HB vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-408/21)¹

“Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Provvista ta’ servizzi ta’ assistenza teknika lill-Kunsill
Ġudizzjarju Għoli u lill-awtoritajiet Ukraini – Irregolaritajiet fil-proċeduri ta’ għoti
tal-kuntratti – Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament – Deċiżjonijiet li jiffurmaw titoli
eżekuttivi – Artikolu 299 TFUE – Kompetenza tal-awtur tal-att – Responsabbiltà mhux
kuntrattwali tal-Unjoni”

1. *Rikors għal annullament – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Portata – Stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward ta’ deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-irkupru ta’ kreditu – Ġurisdizzjoni sabiex teżamina kemm il-motivi li jikkontestaw il-legalità ta’ tali deċiżjoni kif ukoll dawk ibbażati fuq il-ksur tal-obbligi kuntrattwali li wasslu għall-adozzjoni ta’ tali deċiżjoni*

(Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punt 46)

2. *Kummissjoni – Kompetenzi – Implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni – Krediti tal-Unjoni li jirriżultaw minn kuntratt konkluż minn istituzzjoni – Irkupru permezz ta’ deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv – Setgħa li tadotta tali deċiżjoni fil-kuntest ta’ relazzjonijiet kuntrattwali – Bażi legali – Oriġini kuntrattwali tal-kreditu – Nuqqas ta’ rilevanza*

(l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 299 TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2018/1046, Artikolu 100)

(ara l-punt 49)

3. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti – Rikors li fil-verità jirrigwarda tilwima ta’ natura kuntrattwali – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-irkupru ta’ kreditu – Att intiż li jipproduċi effetti vinkolanti barra mill-kuntest kuntrattwali u li jimplika l-eżerċizzju tal-prerogattivi ta’ awtorità pubblika – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Neċessità ta’ klawżola ta’ arbitraġġ li tattribwixxi din il-ġurisdizzjoni – Ammissibbiltà*

¹ ĠU C 338, 23.8.2021.

(Artikoli 263, 274 u 299 TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2018/1046, Artikolu 100)

(ara l-punti 50, 53)

4. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Illegalità – Dannu – Rabta kawżali – Oneru tal-prova – Assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet – Ċaħda tar-rikors għad-danni kollu kemm hu*

(it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)

(ara l-punti 61, 62)

5. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Dannu reali u ċert ikkawżat minn att illegali – Danni materjali u morali – Oneru tal-prova*

(it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)

(ara l-punti 63, 64)

6. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Dannu reali u ċert ikkawżat minn att illegali – Annullament tal-att illegali kkontestat – Kumpens adegwat għad-dannu morali*

(it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)

(ara l-punt 69)

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3339 final tal-5 ta' Mejju 2021 dwar l-irkupru ta' kreditu ta' ammont ta' EUR 4 241 507,00 pagabbli minn HB, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3340 final tal-5 ta' Mejju 2021 dwar l-irkupru ta' kreditu ta' ammont ta' EUR 1 197 055,86 pagabbli minn HB, huma annullati.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) HB u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.